Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,009, 16 ta' Settembru, 1994
Taqsima B

A.L. 109 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1994 għal-Kors tal-Grad ta' *Bachelor of Arts in Theology and Human Studies (Honours) — B.A. (Hons.)*

BIS-SAĦĦA tas-segħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att.

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti ta' l-1994 għall-Kors tal-Grad ta' *Bachelor of Arts in Theology and Human Studies (Honours) — B.A. (Hons.)*.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Kors" ifisser il-Kors għall-grad ta' *Bachelor of Arts in Theology and Human Studies (Honours) — B.A. (Hons.);*

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Bachelor of Arts in Theology and Human Studies (Honours) — B.A. (Hons.)*.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal-korsijiet mibdija f'Ottubru 1992 jew wara.

Eliġibilità għall-Grad

3. Biex ikun jista' jingħata l-Grad, kandidat għandu:

(a) ikun temm il-kors ta' l-istudji mfassal għalih;

(b) ikun għadda mill-eżamijiet li kellu jagħmel; u

(ċ) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha mniżżla f'dawn ir-regolamenti u fi statuti u regolamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

Ir-Reġistrazzjoni u Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

4. Kandidat jista' jkun reġistrat għall-Kors jekk ikollu waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-Grad ta' *B.A. in Theology and Human Studies jew B.A. in Religious Studies* miksub minn din l-Università u jkun tqiegħed fl-Ewwel jew fit-Tieni Klassi;

(b) Grad ieħor minn din l-Università jew università oħra, iżda bil-kundizzjoni li dal-Grad ikun jinkludi mhux inqas minn 20 kredtu fit-Teoloġija jew Studji Reliġjużi u l-grad medju f'dawn il-kredti jkun ta' l-inqas B;

(ċ) studju għall-ħames snin fuq bażi *full-time* tal-Filosofija u t-Teoloġija f'Seminarju Maġġuri jew f'xi Istituzzjoni li fl-opinjoni tal-Bord tal-Fakultà, hija ta' livell akkademiku simili u ksib ta' mill-inqas grad medju ta' B fit-testijiet jew eżamijiet relattivi.

Il-Bord ta' l-Istudji u l-Kordinatur

5. (1) Il-Bord tal-Fakultà għandu jwaqqaf Bord ta' l-Istudji magħmul mid-Dekan u tliet membri oħra għal perjodu ta' tliet snin biex imexxi u jissorvelja l-Kors skond dawn ir-regolamenti. Id-Dekan għandu ikun iċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Istudji.

(2) Il-Bord tal-Fakultà għandu jaħtar Kordinatur għall-Kors għal perjodu ta' tliet snin minn fost il-membri tal-Bord ta' l-Istudji.

It-Tul tal-Kors

6. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perjodu ta' sena akkademika jekk jittieħed fuq bażi *full-time*, jew sentejn jekk jittieħed fuq bażi *part-time*.

(2) Meta jirreġistra għall-Kors kandidat għandu jgħid jekk huwiex se jsegwi l-Kors bħala student *full-time* jew *part-time*.

(3) Kandidat ma jistax itemm il-Kors qabel sena akkademika u wara ż-żmien stabilit ħlief bil-permess tas-Senat.

Il-Kontenut tal-Kors

7. (1) Biex itemm il-Kors student għandu jikseb minimu ta' 22 kredtu fl-oqsma ta' studju li ġejjin u skond dan il-proporzjon:

(a) 10 kredti fit-Teoloġija,

(b) 2 kredti fir-Reliġjonijiet tal-Mediterran,

(ċ) 4 kredti fil-Filosofija u fil-Fenomenoloġija tar-Reliġjon, u

(d) dissertazzjoni ekwivalenti għal 6 kredti.

(2) Qabel il-bidu ta' kull sena akkademika, il-Bord tal-Fakultà għandu jxandar katalgu tat-taqsimiet studju u tal-kredti mogħtija lil kull taqsima-studju, wara l-approvazzjoni tiegħu mis-Senat.

L-Eżami Finali

8. (1) Kandidat għandu joqgħod għall-Eżami Finali fit-tmiem tal-Kors wara li jkun kiseb il-kredti kollha meħtieġa skond dawn ir-regolamenti.

(2) L-Eżami Finali għandu jsir normalment f'Mejju/Ġunju u għandu jkun magħmul minn żewġ karti. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce*.

(3) Biex jgħaddi mill-Eżami Finali student għandu jgħaddi f'kull karta.

(4) Student li jeħel f'xi waħda miż-żewġ karti jista' jagħmel ir-riparatorju f'dik il-karta li jkun weħel fiha darba biss u dan fi żmien sitt xhur.

(5) Il-grad miksub fir-riparatorju għandu ikun "Għadda" jew "Weħel".

Ir-Riżultat Finali

9. (1) Ir-Riżultat Finali għandu jitqies fuq il-grad li l-istudent jikseb fl-Eżami Finali u l-gradi tal-kredti meħtieġa biex wieħed itemm il-Kors.

(2) Ir-Riżultat Finali għandu jiġi determinat skond dan il-proporzjon:

L-Eżami Finali	45%
Kredti tal-Kors (barra minn dawk tad-dissertazzjoni)	45%
Dissertazzjoni	10%

(3) L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw biex jieħdu l-Grad għandhom jixxandru f'ordni alfabetiku u kklassifikati hekk:

L-Ewwel Klassi (bl-Unuri)
It-Tieni Klassi, Taqsima Superjuri (bl-Unuri)
It-Tieni Klassi, Taqsima Inferjuri (bl-Unuri)
It-Tielet Klassi (bl-Unuri)
Għadda

Għoti tal-Grad

10. Meta jtemmu b'suċċess il-Kors il-kandidati għandhom jingħataw il-Grad.